Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 16/7/194/16

**<u>Minuti tal-Laqgħa Nru. 16 tas-Sebgħa Leġislatura tal-Kunsill Lokali Paola</u>**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar L-Erbgħa **8 ta' Ġunju 2016**. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

**Preżenti:** Dominic Grima-*Sindku*
Steven Axisa-*Viċi Sindku*
Roderick Spiteri-*Kunsillier*
Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*
Nicholas Seychell- *Kunsillier*
Tyrone Muscat- *Kunsillier*
Ivan Bartolo- *Kunsillier*

Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

**Skużati:** Neil J. Tirchett-*L-ambaxxatur taż-żgħażagħ*

**Assenti:** -

1. **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

1.1. Il-Minuti nr.15 ġew approvati *nem com.*

2. **<u>Punti mqajma mill-Minuti</u>**

2.1. Dwar punt 3.2 is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi dwar il-proposta ta' Skyline Webcams, huwa kien iltaqa mar-rapprezentant tal-Kumpanija fejn ġie maqbul li l-aħjar post ikun fuq il-ħanut Solid li jinsab fil-Pjazza. Kompla billi qal li fil-ġranet li ġejjin ser jiġi avviċinat is-sid tal-ħanut sabiex naraw jekk dan hux possibbli li isir.

*Il-Viċi Sindku Steven Axisa daħal issa.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Ittra mingħand il-Kumitat Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta fejn qed jinfurmaw lil Kunsill illi ġew avviċinati minn kumpanija Norveġiża ibbażata Malta li jixtiequ jonfqu €20,000 f'siġar fil-bandli li jinsab fi Triq San Alwiġi. Il-membri qablu li għanda toħroġ sejħa għall-interess sabiex isir proġett f'din l-akwata li jiġi finanzjat ukoll minn fondi tal-Kunsill u fondi mill-Urban Improvement fund. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jinforma lill-istess Kunsill Konsultattiv bil-ħsieb tal-Kunsill sabiex jibdew diskussjonijiet dwar dan il-proġett.

3.2. Korrispondenza mil-kumpanija TCTC b'rabta mal-mistoqsija li sargħet mill-Kunsillier Spiteri fl-aħħar laqgħa, marbuta mal-ammont ta' persuni li jattendu għal dan il-kors u jkunu mill-lokalita ta' Raħal Ġdid, fejn jidher li 80% li attendew kienu minn Raħal Ġdid.

3.3. Talba mingħand is-Sur Joseph Farrugia għal-rifużjoni ta' spejjez li jammontaw għal €166 li sofra meta kien qed isuq il-vettura tiegħu fi Triq il-Baċir. Fid-dawl tad-Direzzjoni mogħtija mil-Bord tal-Governanza Lokali u wara li raw li d-dokumenti mitluba huma kollha mressqa, il-membri qablu li l-Kunsill Lokali Paola jagħmel tajjeb għal din il-ħsara. Is-Sindku qal li huwa kellu laqgħa mal-Ministru Chris Cardona fejn kien hemm qbil li din it-triq issir mill-ġdid mill-Industrial Parks fid-dawl li din tagħti għaż-żona industrijali.

3.4. Ittra ta' ringrazzjament mill-Association of Model Engines wara li dawn qed jagħmlu użu mill-bini l-antik tal-Kunsill sabiex qed jipprattikaw id-delizzju tagħhom. Il-Kunsillier Ivan Bartolo qal li hemm ħsieb sabiex f'Lulju issir wirja.

3.5. Ittra mingħand is-Segretarju tal-Partit Nazzjonalista Kumitat Paola sabiex il-Kunsill Lokali Paola jagħmel mafkar tat-tabib Joseph Cassar Galea. Il-membri qablu li isir dan il-mafkar però jiġi iffinanzjat mill-istess Kumitat fil-post ssuġġerita fi Triq Palma.

## 4. Risposta tal-Management letter.

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-risposta għal-managemnet letter għas-sena finanzjarja 2015 wara li anke saru diskussjonijiet bejn l-istaff u l-accoutant tal-Kunsill Lokali. Il-membri approvaw l-istess risposta b'mod unanimu.

## 5. ***Approvazzjoni ta' Offerti***

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kumitat għall-għażla ta' offerti maħtur fl-aħħar laqgħa kien iltaqa' sabiex jiddiskuti iż-żewġ offerti li kienu għalqu bin-numru 1/2016 u numru 2/2016. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla u informa lil membri li dwar l-offerta numru 1/2016 il-Kumitat ħass li kellu jitlob id-Direzzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fid-dawl li l-kondotta tal-pulizija mitluba fit-tender kienet nieqsa f'numru ta' offerti. Ġara iżda li l-għada tal-laqgħa tal-bord l-kondotta tal-Kuntrattur Elton J. Zammit twasslet fil-Kunsill wara li ma kienitx għada ġiet mitluba mill-istess Kunsill. Għaldaqstant is-Segretarju kompla billi qal li fid-dawl ta' dan l-inċident kien waqqaf il-proċess ta' dan it-tender u talab lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jara kif l-aħjar jipproċedi f'dan il-każ. L-istess Dipartiment ser jikkonferma mad-Dipartiment tal-Kuntratti kif l-aħjar li l-Kunsill għandu jipproċedi.

5.2. Dwar l-offerta numru 2/2016 is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-bord kien evalwa l-offerti li twasslu u kompla billi ppreżenta lil membri ir-rapport ta' evalwazzjoni b'rabta mal-istess tender u spjega kif l-istess bord wasal għall-għażla tal-iktar offerta valida vantaġġuża. Is-Segretarju Eżekuttiv għaldaqstant kompla billi qal li l-bord li evalwa l-offerti kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jagħti l-offerta numru 2/2016 lil SRF & Veladrians JV għall-prezz ta' €1,313.60 fil-ġimgħa bla VAT.

5.3. Il-Kunsilliera Ivan Bartolo żied illi l-Kunsill mar għal-offerta iktar għolja minn dik ta' Elton John Zammit. Is-Sindku irrisponda u qal li t-tender ingħata bil-proċedura tal-MEAT u għaldaqstant ingħataw il-punti kemm fuq il-prezz kif ukoll fuq l-offerta teknika. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi l-istess offerta kienet maqsuma 60% għall-Offerta teknika u 40% fuq il-prezz. Il-Kunsillier Muscat żied illi il-Kunsill ser jonfoq €20,000 iktar u anke hemm offerti li jħaddmu bil-prekarjat. Is-Sindku irrisponda illi l-Kunsillier Muscat seta' faċilment jagħmel dawn l-osservazzjonijiet meta kien parti mill-bord li kien parti minnu hu stess.

5.4. Il-Viċi Sindku Steven Axisa qal ukoll li tant kemm il-proċess mexa bir-reqqa li kien ta' sodisfazzjon li il-membri tal-bord qablu fuq il-maġġoranza tal-punti li ingħataw. Huwa kompla billi irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv li bil-paċenzja kolla ippreżenta kull dokumentazzjoni li kienet mitluba waqt il-proċess ta' evalwazzjoni liema proċess mexa fuq dak li kien mitlub fit-tender kif maqbul fl-istess Kunsill f'laqgħat preċedenti.

5.5. Hawnhekk is-Sindku qal li l-bord mexa b'mod l-aktar trasparenti u korrett u għaldaqstant ippropona li l-Kunsill japprova ir-rakkomandazzjoni kif innota fir-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta 2/2016. Wara li ġie irreġistrat nuqqas ta' qbil is-Sindku talab vot liema vot irriżulta hekk:

5.5.1. **Favur**: Sindku Dominic Grima, Viċi Sindku Steven Axisa, Kunsilliera Roderick Spiteri, Bernard Lynch, Nicholas Seychell u Tyrone Muscat

5.5.2. **Kontra**: Kunsillier Ivan Bartolo

5.6. Wara li ittieħed il-vot, il-Kunsillier Muscat qal li jaqbel mar-rapport għax hu kien parti mill-istess bord però ma jistax japprova li jagħti it-tender li ħa jiswa lil Kunsill €20,000 iktar mill-kuntrattur Elton John Zammit. Għaldaqstant hawnhekk qal li allura jivvota kontra. Il-vot finali kien:

5.6.1. **Favur**: Sindku Dominic Grima, Viċi Sindku Steven Axisa, Kunsilliera Roderick Spiteri, Bernard Lynch, Nicholas Seychell.

5.6.2. **Kontra**: Kunsilliera Tyrone Muscat u Ivan Bartolo

5.7. Il-Kunsillier Ivan Bartolo qal li wara dan il-vot il-Kunsilliera laburisti li suppost huma soċjalisti kienu qed iwasslu sabiex seba' familji jispiċċaw bla xogħol. Il-Kunsillier Spiteri irrisponda u qal li allura l-kunsilliera nazzjonalisti iriduna nimxu kontra l-bord ta' evalwazzjoni u nagħtu din l-offerta bil-korruzzjoni. Is-Sindku qal li huwa qatt mhu ser jaċċetta li xi ħadd iġagħlu ikun korrott u kompla billi qal li mhux ser jiddejjaq jaħdem sabiex il-ħaddiema tal-kuntrattur preżenti jinstabilhom xogħol alternattiv u akkuża lil kunsillier Muscat li kien qed jivvota kontra rapport li kien parti minnhu huwa stess.

## 6. Mawra għal Għawdex

6.1. Is-Sindku informa lil membri li ser issir mawra għal Għawdex fis-17 ta' Ġunju fejn ser inżuru l-fabbrika ta' Magro Brothers, Ta Pinu, ir-Rabat kif ukoll ser issir ikla fil-Hotel Calypso. Kompla billi qal li l-biljetti tiġa bdew jinbiegħu u sejrin tajjeb ħafna.

## 7. Ġibjun Gnein P. Boffu

7.1. Fid-dawl li dan il-proġett kien beda jaħdem fuqu il-Kunsillier Spiteri is-Sindku talab lill-istess Kunsillier sabiex jinforma hu lil mejda b'dak li kellhu isir.

7.2. Il-Kunsillier Spiteri qal li kien hemm fondi tal-Gvern Ċentrali sabiex jiġu restawrati u rranġati numru ta' ġibjuni fil-pajjiż. Fost dawn il-ġibjuni kien intgħażel dak li hemm fil-ġnien Pawlu Boffa.

*Il-Kunsillier Muscat telaq mil-laqgħa.*

7.3. Il-Viċi Sindku kompla billi qal li hemm bżonn jiġi iffirmat MOU sabiex tingħata l-approvazzjoni tagħna li isir dan ix-xogħol mingħajr mal-istess Kunsill jonfoq flus.

**8. Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.1. Is-Sindku xtaq jinforma lil membri li ġie ikkuntattjat mill-artist li ħadem fuq il-monument li sar bil-fliexken fil-funtana li tinsab fi Ġnien Pawlu Boffa sabiex ikun jista' jagħmel xogħol fuq l-istess monument minħabba l-ħsara li kienet sargħet fuqu mill-elementi. Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu b'mod unanimu li l-istess monument jitneħħa. Il-Kunsillier Spiteri qal li wara li titneħħa għanda issir diskussjoni sħiħa sabiex naraw x'jista' isir minflok.

8.2. Is-Sindku qal li fid-dawl tal-fatt li saru l-*one ways* ġodda fil-Pjazza Ħal Saflieni hemm bżonn naraw fejn dawn ser jarmaw. Wara diskussjoni l-membri qablu li l-gabbani jarmaw kollox bħas-sena l-oħra u li sakemm ikunu armati għandom jitneħħew il-*one ways* b'mod temporanju.

**9. Approvazzjoni tal-Skeda tal-Pagamenti**

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 16 għas-somma ta' €75,252.03

**10. Aġġornament**

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:40pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 20 ta' Lulju 2016.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

**Data**: 20 ta' Lulju 2016